



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

---

**2011/0344(COD)**

21.9.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Committee on Civil Liberties, Justice and Home Affairs

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
establishing for the period 2014 to 2020 the Rights and Citizenship Programme  
(COM(2011)0758 – C7-0438/2011 – 2011/0344(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Regina Bastos

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fid-dokument intitolat “Baġit għall-Ewropa 2020”, il-Kummissjoni ddefiniet l-oġġettivi prinċipali tal-istruttura tal-finanzjament billi naqqset in-numru ta’ strumenti Ewropej ta’ finanzjament u billi stabbiliet ġabra ta’ dispożizzjonijiet fundamentali applikabbli għal kull finanzjament Ewropew fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. Bil-ħsieb li jiġi enfasizzat il-valur miżjud Ewropew u biex jiġu żgurati r-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi ta’ finanzjament, il-Kummissjoni pproponiet li toħloq il-“Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza”, li jiġbor t-tliet programmi attwali:

- il-programm “Drittijiet fundamentali u Ċittadinanza”
- il-programm Daphne III,
- Is-Sezzjonijiet “Antidiskriminazzjoni u Diversità” u “Ugwaljanza bejn is-Sessi” tal-Programm għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali (PROGRESS).

Il-programm "Drittijiet u Ċittadinanza" għandu jippromwovi d-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza Ewropea, il-prinċipji ta’ nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet li ġejjin mil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-ħarsien tal-konsumatur u l-libertà ta’ intrapriża fis-suq intern.

Madankollu, għandu jiġi żgurat li d-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa ma tgħibx mill-programmi minħabba l-fatt li jsegwu oġġettivi ġenerali u jillimitaw ruħhom biss għall-kunċett ġenerali ta’ ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Sensibilizzazzjoni insuffiċjenti tal-problemi tal-ugwaljanza bejn is-sessi tista’ twassal għal attenzjonijiet fl-attenzjoni li jingħataw id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Għalhekk, huwa importanti li d-dimensjoni tal-ugwaljanza tiġi kkunsidrata fit-titolu ta’ dan ir-Regolament.

Mill-banda l-oħra, huwa essenzjali li fost l-oġġettivi tar-Regolament preżenti jinżammu l-oġġettivi tal-programm Daphne, fosthom il-ġlieda kontra l-vjolenza mwettqa fuq in-nisa .

L-intenzjoni ta’ introduzzjoni ta’ finanzjament flessibbli fil-livell tal-oqsma differenti ta’ interess għandha tiġi kkunsidrata bl-akbar attenzjoni. Fl-assenza ta’ diffużjoni tal-informazzjoni dwar l-allokazzjoni baġitarja ta’ proġetti speċifiċi tal-programm “Drittijiet u ċittadinanza”, huwa diffiċli li jiġi determinat min se jkun l-benefiċjarji u x’se jkun l-impatt tal-programm fuq id-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Fil-fatt, ir-regolamenti għandhom jinkludu, b’mod aktar speċifiku, oġġettivi diretti, realizzabbli u verifikabbli fir-rigward tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, filwaqt li jibbenefikaw minn pakketti baġitarji speċifiċi, u fl-istess ħin iżommu l-istess livell ta’ finanzjament tal-perjodu preċedenti.

Min-naħa l-oħra, huwa essenzjali li jiġu żgurati l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-effetti tal-implimentazzjoni baġitarja fuq l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa sabiex tiġi ffaċilitata

valutazzjoni preċiża u effikaċi tal-impatt ta' dan il-finanzjament.

Huwa kruċjali li kull modifika fil-fondi allokatu għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tiġi sorveljata u magħmula viżibbli.

Huwa ugwalment importanti li naraw li l-benefiċjarji, l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi jibqgħu jiġu infurmati dwar il-possibilitajiet ta' finanzjament u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-programmi differenti.

Fl-aħħar nett, il-ġbir regolari ta' data komparabbli dwar it-tipi differenti ta' vjolenza fir-rigward tan-nisa fi ħdan l-Unjoni huwa essenzjali, anki jekk huwa partikolarment diffiċli peress li, minħabba l-biża' jew il-mistħija, in-nisa u l-irġiel fit huma disposti jirakkontaw l-esperjenzi tagħhom lill-persuni kkonċernati, sabiex jippermettu l-valutazzjoni tal-gravità reali tal-atti ta' vjolenza fuq in-nisa u l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet xierqa.

## EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu::

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Proposta għal  
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL  
li tistabbilixxi għall-perjodu 2014 sa 2020  
il-Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza

*Emenda*

Proposta għal  
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL  
li jistabbilixxi għall-perjodu 2014 sa 2020  
il-Programm tad-Drittijiet, ***l-Ugwaljanza*** u  
ċ-Ċittadinanza

*(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha ġġib magħha emendi korrispondenti fit-test.)*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Premessa 1

PE491.197v03-00

4/28

AD\914506MT.doc

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) L-Unjoni Ewropea hija stabbilita fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem u l-istat tad-dritt, prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri. Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-drittijiet ipprovduti fit-Trattat. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona saret legalment vinkolanti fl-Unjoni, tirrifletti d-drittijiet u l-libertajiet li huma intitolati għalihom il-persuni fl-Unjoni. Dawk id-drittijiet għandhom jiġu promossi u rispettati biex ikunu jistgħu jsiru realtà. It-tgawdija sħiħa ta' dawk id-drittijiet għandha tkun iggarantita u għandu jitneħħa kwalunkwe ostakolu.

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 3**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu **jeżerċitaw b'mod sħiħ id-drittijiet li jhorgu miċ-ċittadinanza tal-Unjoni.** Huma għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fl-Unjoni, id-dritt tagħhom li jivvutaw u li jhorgu bħala kandidati fil-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali, id-dritt tagħhom għall-protezzjoni konsulari u d-dritt tagħhom li jagħmlu petizzjoni lill-Parlament Ewropew. Huma għandhom iħossuhom komdi dwar il-ħajja, l-ivvjaġġar u li jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor, b'fiduċja li d-drittijiet tagħhom ikunu protetti, irrispettivament minn fejn fl-Unjoni

### *Emenda*

(1) L-Unjoni Ewropea hija stabbilita fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem u l-istat tad-dritt, ***ir-rispett għad-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u n-nondiskriminazzjoni***, prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri. Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-drittijiet ipprovduti fit-Trattat. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona saret legalment vinkolanti fl-Unjoni, tirrifletti d-drittijiet u l-libertajiet li huma intitolati għalihom il-persuni fl-Unjoni. Dawk id-drittijiet għandhom jiġu promossi u rispettati biex ikunu jistgħu jsiru realtà. It-tgawdija sħiħa ta' dawk id-drittijiet għandha tkun iggarantita u għandu jitneħħa kwalunkwe ostakolu.

### *Emenda*

(3) Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu ***jaċċedu għal u jgawdu s-serje sħiħa ta' drittijiet tagħhom, kif imniżżel fit-Trattati, mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, inkluż tas-sessi, l-identità tas-sessi u l-espressjoni tal-ġeneru.*** Huma għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fl-Unjoni, id-dritt tagħhom li jivvutaw u li jhorgu bħala kandidati fil-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali, id-dritt tagħhom għall-protezzjoni konsulari u d-dritt tagħhom li jagħmlu petizzjoni lill-Parlament Ewropew. Huma għandhom iħossuhom komdi dwar il-ħajja, l-ivvjaġġar u li jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor,

Ewropea jinzertaw.

b'fiduċja li d-drittijiet tagħhom ikunu protetti, irrispettivament minn fejn fl-Unjoni Ewropea jinzertaw.

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal regolament Premessa 5**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) **Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni** bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u **l-promozzjoni** tal-ugwaljanza **bejn in-nisa u l-irġiel huma valuri komuni għall-Istati Membri**. Il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni hija mira **kontinwa** li teħtieġ azzjoni kkoordinata, inkluż permezz tal-allokazzjoni ta' fondi.

###### *Emenda*

(5) **Skont l-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, l-Unjoni għandha l-għan li tiġġieled id-diskriminazzjoni** bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u **tappoġġja l-integrazzjoni** tal-ugwaljanza. **In-nondiskriminazzjoni tinsab ukoll fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**. Il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni hija mira li teħtieġ azzjoni kkoordinata, inkluż permezz tal-allokazzjoni ta' fondi.

###### *Ġustifikazzjoni*

*Combating discrimination and promoting equality between women and men should be complementary objectives of the Programme as women form the majority of most discriminated groups and are the majority of the EU population. Following the model of the current PROGRESS programme, the Rights and Citizenship Programme must give these two EU objectives an independent standing, and the recitals must reflect this. Since the 1995 United Nations World Conference on Women, the EU has been implementing a double strategy with regards to equality between women and men combining specific actions and gender mainstreaming. The Rights and Citizenship programme must provide the framework and the funding needed for this double strategy.*

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

###### *Emenda*

(5a) **Skont l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tat-**

*TFUE, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija valur u għan fundamentali tal-Unjoni u l-Unjoni għandha tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet tagħha kollha. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija wkoll stabbilita fl-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi mal-Unjoni titwettaq permezz ta' approċċ doppju ta' azzjonijiet speċifiċi u integrazzjoni effikaċi tas-sessi fit-tfassil tal-politika u fl-allokazzjonijiet tal-baġit.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(6) Skont l-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Programm għandu jappoġġja l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-oġġettivi kontra d-diskriminazzjoni fl-attivitajiet tiegħu kollha. Għandu jsir regolament monitoraġġ u valutazzjoni sabiex jiġi evalwat il-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diskriminazzjoni jiġu indirizzati fl-attivitajiet tal-Programm.*

*Emenda*

*(6) B'konformità mal-Artikolu 2 u mal-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija oġġettiv komuni u valur komuni tal-Unjoni. Skont l-Artikoli 8 u 10 tat-TFUE, il-Programm *stabbilit bir-Regolament preżenti* għandu jappoġġja l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-oġġettivi kontra d-diskriminazzjoni fl-attivitajiet tiegħu kollha *u għandu jiġi implimentat permezz ta' rinfurzar reċiproku ma' attivitajiet oħra tal-Unjoni jew ta' Stati Membri li għandhom l-istess għanijiet, b'mod partikolari l-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma u l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perjodu 2011 sa 2020.* Għandu jsir regolament monitoraġġ u valutazzjoni sabiex jiġi evalwat il-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diskriminazzjoni jiġu indirizzati fl-attivitajiet tal-Programm. *l-Unjoni għandha tiżgura l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta'**

*approċċ doppju li jikkonsisti fil-kunsiderazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi fil-politiki kollha u l-allokazzjonijiet baġitarji u fl-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament  
Premessa 6a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(6a) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2012 dwar il-programm Daphne: kisbiet u prospetti futuri<sup>1</sup>, il-Parlament Ewropew iddispjacjeh li l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa ma ssemmitx espressament bħala objettiv speċifiku fil-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament preżenti, jikkunsidra li huwa essenzjali li l-objettivi tal-programm Daphne, li waħda minnhom hija l-ġlieda kontra l-vjolenza mwettqa fuq in-nisa, jinżammu fost l-objettivi tal-programm, u jinsisti li l-finanzjament tiegħu jinżamm f'livell indaqs jew ogħla minn dak ta' Daphne III u li l-profil ta' Daphne III għandu jinżamm għoli, filwaqt li jiġu meqjusa l-kisbiet, l-effikaċja u l-popolarità tiegħu.*

---

*1 Testi adottati, P7\_TA(2012)0027.*

**Emenda8**

**Proposta għal regolament  
Premessa 6b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(6b) Is-sejħiet futuri għal proposti għal allowances għal azzjoni mmirati lejn il-kofinanzjament ta' proġetti li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u l-*



*ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal, iż-  
żghażaġh u n-nisa u biex jiġu protetti l-  
vittmi u l-gruppi f'riskju għandhom  
jibqgħu jissejħu "Daphne".*

**Emenda 9 Proposta għal regolament**  
**Premessa 6c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(6c) Proġetti li jikkontribwixxu għall-  
prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza  
fuq it-tfal, iż-żghażaġh u n-nisa u biex  
jiġu protetti l-vittmi u l-gruppi f'riskju  
għandhom jissejħu "Objettivi Daphne".*

Emenda 10

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7) Il-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha  
tagħha tikkostitwixxi vjolazzjoni ta'  
drittijiet fundamentali u pjaga serja għas-  
saħħa. Din il-vjolenza hija preżenti fl-  
Unjoni u teħtieġ azzjoni kkoordinata  
sabiex tiġi indirizzata. It-teħid ta' azzjoni  
kontra l-vjolenza fuq in-nisa  
jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-  
ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.*

*(7) Kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa, it-  
tfal, iż-żghażaġh u gruppi oħra f'riskju  
tikkostitwixxi vjolazzjoni ġenwina ta'  
drittijiet fundamentali. Din il-pjaga  
għandha konsewgenzi serji, mhux biss  
fuq l-istat ta' saħħa fiżika u psikoloġika  
tal-vittmi ta' dawn l-atti, iżda wkoll fuq is-  
soċjetà kollha kemm hi minħabba li hija l-  
espressjoni l-iktar kiefra u diffiċli tal-  
inugwaljanza li teżisti bejn in-nisa u l-  
irġiel. Din hija wkoll ir-riżultat ta' fatturi  
kulturali u soċjali, kif ukoll tal-  
inugwaljanza persistenti bejn l-irġiel u n-  
nisa u ta' qsim żbilanċjat tal-poter bejn l-  
irġiel u n-nisa fis-soċjetajiet tagħna. Din  
il-vjolenza hija preżenti madwar l-Unjoni u  
teħtieġ rieda politika qawwija u azzjoni  
kkoordinata bbażata fuq il-metodi u r-  
riżultati tal-programmi Daphne. It-teħid  
ta' azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa  
jikkontribwixxi għall-għoti ta' poter lin-  
nisa u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza  
bejn in-nisa u l-irġiel. Minħabba li l-  
programmi Daphne kellhom suċċess  
ġenwin mit-tnedija tagħhom fl-1997,  
kemm f'termini tal-popolarità tagħhom*

*mal-partijiet interessati (benefiċjarji, awtoritajiet pubbliċi u akkademiċi, organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs)) kif ukoll f'termini tal-effikaċja tal-proġetti ffinanzjati mill-programmi, huwa meħtieġ li l-Programm jidentifika b'mod ċar proġetti relatati mal-objettivi tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażaġh, in-nisa u gruppi oħra fir-riskju bħala "Daphne" sabiex il-profil tal-programmi Daphne jinżamm għoli kemm jista' jkun.*

## **Emenda 11**

### **Proposta għal regolament Premessa 8**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) It-Trattat jeħtieġ li l-Unjoni tippromwovi l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, filwaqt li tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni. It-tfal huma vulnerabbli, b'mod partikolari f'sitwazzjoni ta' faqar, esklużjoni soċjali, diżabbiltà jew sitwazzjonijiet speċifiċi li jqiegħduhom fir-riskju. Għandha tittieħed azzjoni sabiex jiġu promossi d-drittijiet tat-tfal u sabiex ikun hemm kontribut għall-protezzjoni tat-tfal minn ħsara u vjolenza, li jippreżentaw periklu għas-saħħa fiżika jew mentali tagħhom.

#### *Emenda*

(8) It-Trattat jeħtieġ li l-Unjoni tippromwovi l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, filwaqt li tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni. It-tfal huma vulnerabbli, b'mod partikolari f'sitwazzjoni ta' faqar, esklużjoni soċjali, diżabbiltà jew sitwazzjonijiet speċifiċi li jqiegħduhom fir-riskju. Għandha tittieħed azzjoni sabiex jiġu promossi d-drittijiet tat-tfal u sabiex ikun hemm kontribut għall-protezzjoni tat-tfal minn ħsara u vjolenza, li jippreżentaw periklu għas-saħħa fiżika jew mentali tagħhom. ***L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet u d-dmirijiet tal-ġenituri, il-gwardjani, u individwi oħra li huma responsabbli legalment għat-tfal.***

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(8a) Ħafna organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) attivi f'livelli differenti jistgħu jagħtu kontribuzzjoni importanti fil-livell Ewropew permezz ta' netwerks rappreżentattivi Ewropej ta' detenturi tad-drittijiet li jassistu fl-iżvilupp ta' orjentazzjonijiet politiċi relatati mal-oġettivi ġenerali tal-Programm.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-programm il-ġdid għandu jirrikonoxxi r-rwol tal-NGOs fit-tfassil tal-politika kif ukoll fil-programm Progress u l-Programm DAPHNE.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament  
Premessa 8b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(8b) Ir-rekwiżit li jiġi promoss livell għoli ta' impjieg, li jiġi ggarantit il-ħarsien soċjali u li tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali huwa promoss bl-Artikolu 9 tat-TFUE. Azzjonijiet taħt il-Programm għandhom jippromwovu sinerġiji bejn il-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ugwaljanza għal kulħadd.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-koordinazzjoni bejn il-politiki għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-politiki għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar kienet waħda mill-valuri miżjuda tal-programm PROGRESS attwali. Dan il-valur miżjud għandu jinżamm ukoll fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, anki jekk il-politiki tal-inklużjoni soċjali u tal-ugwaljanza jkunu ffinanzjati permezz ta' programmi differenti.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar “l-Ewropa 2020”<sup>7</sup> tistabbilixxi strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-appoġġ u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-individwi fi ħdan l-Unjoni, l-indirizzar tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-għanijiet oġġettivi u l-inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija għall-Ewropa 2020.

*Emenda*

(10) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar “l-Ewropa 2020”<sup>7</sup> tistabbilixxi strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-appoġġ u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-individwi fi ħdan l-Unjoni, ***il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel***, l-indirizzar tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-għanijiet oġġettivi u l-inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija għall-Ewropa 2020.

*Ġustifikazzjoni*

*L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija kruċjali għas-suċċess tal-Istrateġija Ewropa 2020. Hemm dispożizzjonijiet speċifiċi li ġejjin mill-Konvenzjoni tan-NU fl-Istrateġija Ewropa 2020.*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 12a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(12a) L-ilħiq tal-prijorità ewlenija tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha tagħha teħtieġ livell suffiċjenti u prevedibbli ta’ finanzjament. Għalhekk il-pass lejn is-simplifikazzjoni u ġestjoni aktar effiċjenti tal-finanzjament għandu jiżgura li l-finanzjament tal-Unjoni jkun irriservat b’mod permanenti għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha tagħha, li l-livell ta’ finanzjament irriservat għal dik il-prijorità ma jitnaqqasx għal livell taħt dak irriservat għal Daphne III, u li jkun***

*hemm firxa ġeografika bilanċjata fost l-organizzazzjonijiet li jirċievu l-finanzjament.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament  
Premessa 13a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(13a) Il-finanzjament għal programmi u attivitajiet li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi huwa importanti biex jiżgura li l-baġit tal-UE jirrifletti l-impenn tat-TFUE lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tagħżel programmi u attivitajiet għall-finanzjament billi tivvaluta l-proposti kontra kriterji definiti minn qabel li jagħtu kont partikolari lill-valur miżjud Ewropew f'termini tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha tagħha.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament  
Premessa 14a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14a) Il-ġbir regolari ta' data komparabbli dwar it-tipi differenti ta' vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażaġh, in-nisa u gruppi oħra f'riskju fi ħdan l-Unjoni huwa essenzjali sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-gravità reali tal-atti ta' vjolenza u l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet xierqa.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament  
Premessa 15a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15a) Skont l-Artikoli 8, 9 u 10 tat-TFUE, l-Unjoni għandha tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-politiki kollha tagħha u tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament  
Premessa 15b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15b) L-ibbaġitjar skont is-sessi huwa l-applikazzjoni tal-integrazzjoni tal-ġeneru fil-proċessi tal-baġit. Dan ifisser valutazzjoni tal-baġits bbażata fuq is-sessi, bl-inkorporazzjoni ta' perspettiva tas-sessi fil-livelli kollha tal-proċess tal-baġit u r-ristrutturar tad-dħul u l-infiq sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament  
Premessa 18b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18b) Sabiex jiġi żgurat is-suċċess, għandu jiżdied il-finanzjament allokat għal proġetti li jiddefendu d-drittijiet tan-nisa u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, inklużi l-azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa. Il-finanzjament għandhu jitqassam b'mod ugwali fuq bażi annwali sabiex tkun tista' tiġi żgurata l-kontinwità tal-objettivi u tal-azzjonijiet segwiti.*

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Programm għandu jiffinanzja azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-azzjonijiet magħżula għall-finanzjament jimmiraw biex jipproduċu riżultati b'valur miżjud Ewropew u għandha tara li l-valur miżjud Ewropew ikun inkiseb tabilħaqq permezz tar-riżultati finali tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm.

#### *Emenda*

Il-Programm għandu jiffinanzja azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew ***skont il-prinċipji tal-ibbaġitjar skont is-sessi***. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-azzjonijiet magħżula għall-finanzjament jimmiraw biex jipproduċu riżultati b'valur miżjud Ewropew u għandha tara li l-valur miżjud Ewropew ikun inkiseb tabilħaqq permezz tar-riżultati finali tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm. ***Il-valur miżjud Ewropew għandu jkun ivvalutat abbażi tal-potenzjal tal-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-prijoritajiet l-aktar importanti tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa.***

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-oġġettiv ġenerali tal-Programm għandu jkun li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona, fejn id-drittijiet tal-individwi, kif stabbilit ***fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ikunu promossi u ***protetti***.

#### *Emenda*

L-oġġettiv ġenerali tal-Programm għandu jkun li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona, fejn id-drittijiet tal-individwi, ***il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni***, kif stabbilit ***fit-TFUE, il-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***u l-konvenzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li l-Unjoni aderiet magħhom***, ikunu promossi, ***protetti u implimentati b'mod effikaċi***.

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) li jippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji ta' non-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali **inkluża l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel** u d-drittijiet ta' persuni b' diżabbiltà u tal-anzjani;

*See Amendments 10 and 11 establishing specific objectives with regard to equality between women and men and preventing and combating violence against children, teenagers, women and other groups at risk.*

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) li jippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji ta' non-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età u l-orjentazzjoni sesswali u d-drittijiet ta' persuni b' diżabbiltà u tal-anzjani;

**(ba) li jippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jiġi żgurat li l-ugwaljanza tal-ġeneru jittieħed inkusiderazzjoni fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni;**

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(bb) f'każ li l-prinċipji tan-nondiskrimazzjoni ma jkunux ġew rispettati, il-proċeduri ġudizzjarji għandhom jiġu ffaċilitati permezz ta' proċeduri sempliċi u rapidi;**



**Emenda 26**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bc) li jipprevjeni u jiġġieled il-forom kollha ta' vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażaġh, in-nisa u gruppi oħra fir-riskju, bħall-anzjani, il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u l-vjolenza f'relazzjonijiet intimi, u joffri għajnuna u protezzjoni lill-vittmi ta' din it-tip ta' vjolenza li jindika azzjonijiet meħuda relatati mal-objettivi speċifiċi msemmija f'dan il-punt bħala 'Daphne';*

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt bd (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bd) il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-dinjità ugwali;*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt be (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(be) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza u l-mibegħda bbażati b'mod partikolari fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, fuq ir-reliġjon jew twemmin personali, fuq id-diżabilità, fuq l-età, fuq l-identità tas-sess, u l-promozzjoni tat-tolleranza u r-rispett tad-dinjità tal-persuna;*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt bf (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bf) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni f'dan ir-rigward;*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) *li jtejjeb* ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal;

(d) *Jitħeġġeġ* ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal, *billi tiġi meqjusa in-natura partikolarment vulnerabbli tat-tfajliet iżġħar;*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) L-indikaturi u d-dejta kwantitattivi li jippermettu l-evalwazzjoni ta' kemm ikunu intlaħqu l-għanijiet imfassla min dan ir-regolament, huma maqsuma skont is-sess*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni u l-għarfien dwar il-liġi u l-politiki tal-Unjoni;

(a) it-tisħiħ tal-għarfien pubbliku u l-għarfien tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni, *speċjalment f'perspettiva ta' tisħiħ u ta'*

*awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini, irġiel u nisa, fl-għarfien u l-allokkazzjoni tad-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari fl-oqsma li jirrigwardaw l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u n-nondiskriminazzjoni.*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) l-ghajjnuna u l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-organizzazzjonijiet l-oħra li jaħdmu fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza;*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bb) l-assistenza u l-appoġġ għal assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu b'mod partikolari fil-qasam tal-prevenzjoni, tal-identifikazzjoni, tal-protezzjoni u tal-assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin;*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bc) l-appoġġ ta' assoċjazzjonijiet u netwerks ta' assoċjazzjonijiet, anke transnazzjonali, li jaħdmu fil-qasam tal-kooperazzjoni; il-promozzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni, ta' prattiki*

*tajba u ta' mudelli ta' intervent fil-qasam tal-assistenza psikoloġika u legali u/jew tal-appoġġ ekonomiku u soċjali; u l-appoġġ tal-integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-vittmi tal-vjolenza;*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt bd (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bd) l-appoġġ tal-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-iskambju tal-informazzjoni, ta' prattiki tajba u ta' mudelli ta' intervent fil-qasam tar-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-persuni vjolenti, b'sinerġija mal-programm "Ġustizzja";*

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt be (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(be) l-appoġġ tal-assoċjazzjonijiet li joffru assistenza għan-nisa vittmi ta' diskriminazzjoni fil-qasam tax-xogħol u dak soċjali;*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) Attivitajiet analitiċi: bħall-ġbir ta' dejta u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u sħarriġ; evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt; elaborazzjoni u pubblikazzjoni

(a) Attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir **regolari** ta' dejta u statistika **paragunabbli u diżaggregati, inkluż relatati mat-tipi differenti u firxa wiesgħa ta' abbuż, minn attackki fiżiċi għal abbuż emozzjonali fuq it-tfal, iż-żgħażaġh, in-nisa u gruppi oħra**

ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni; workshops, seminars, laqgħat ta' esperti, konferenzi;

*f'riskju*; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment, ***waqt li jkun aċċertat li din id-dejta u informazzjoni tkun mqassma skont is-sess***; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt; elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni; workshops, seminars, laqgħat ta' esperti, konferenzi ***bl-inklużjoni ta' approċċ globali u trasversali tas-sessi***;

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) Attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ tat-trejners, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn/oħrajn;

#### *Emenda*

(b) Attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ tat-trejners, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn/oħrajn, ***li huma mfassla f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-esperti, jinkludu dimensjoni globali u trażversali tal-ġeneru; meta jkun xieraq, dawn l-attivitajiet għandhom jinkludu perspettiva tal-ġeneru u kontra d-diskriminazzjoni, li tiġġieled u tirrikonoxxi l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa***;

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

**(ba) kampanji maħsuba għall-ġlieda kontra l-isterjotipi tas-sess u l-fatt li l-immaġni femminili fil-midja qed issir komodità;**

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) attivitajiet ta' taġġim reċiproku, kooperazzjoni, tqajjim ta' għarfien u tixrid: identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' reviżjoni bejn il-pari u taġġim reċiproku; organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars; organizzazzjoni ta' kampanji ta' tqajjim ta' għarfien u informazzjoni, kampanji u avvenimenti tal-midja, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea; ġabra u pubblikazzjoni ta' materjali għat-tixrid ta' informazzjoni kif ukoll ir-riżultati tal-Programm; żvilupp, operat u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

*Emenda*

(c) attivitajiet ta' taġġim reċiproku, kooperazzjoni, tqajjim ta' għarfien u tixrid: identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' reviżjoni bejn il-pari u taġġim reċiproku; organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars; organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, kampanji u avvenimenti tal-midja **li jimmiraw lejn sezzjonijiet speċifiċi tal-pubbliku, inkluż il-kampanji fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza**, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea; ġabra u pubblikazzjoni ta' materjali għat-tixrid ta' informazzjoni kif ukoll ir-riżultati tal-Programm; żvilupp, operat u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; **Dawn l-attivitajiet għandhom jippruvaw jinkludu approċċ trasversali u globali tas-sessi li jkun iffukat fuq il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, in-nondiskriminazzjoni u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa;**

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) Appoġġ għall-atturi ewlenin, bħal appoġġ lill-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi u l-politiki tal-Unjoni; appoġġ għal netwerks ewlenin fil-livell Ewropew li l-attivitajiet tagħhom huma marbuta mal-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-Programm; netwerking fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-livell Ewropew; finanzjament ta' netwerks ta' esperti; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew.

*Emenda*

(d) Appoġġ għall-atturi ewlenin, bħal appoġġ lill-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi u l-politiki tal-Unjoni; appoġġ għal netwerks ewlenin fil-livell Ewropew li l-attivitajiet tagħhom huma marbuta mal-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-Programm; ***appoġġ permezz ta' għotjiet għall-azzjoni u għotjiet operattivi għall-NGOs jew organizzazzjonijiet oħra li jsegwu l-oġġettivi tal-Programm, b'mod partikolari dawk li jiġġieldu l-vjolenza fuq it-tfal u n-nisa***; netwerking fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-livell Ewropew; finanzjament ta' netwerks ta' esperti; ***l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' għajjnuna lill-vittmi u lill-gruppi fir-riskju fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza***; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew.

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) Azzjonijiet imfassla speċifikament biex jipromwovu l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni, u miżuri effikaċi biex jiġġieldu kontra l-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha tagħha.***

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-objettivi u l-azzjonijiet segwiti matul il-Programm, il-livelli annwali ta' finanzjament għal kull qasam ma għandhomx ivarjaw sostanzjalment, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet oġġettivi, li għandhom jiġu ddokumentati u kkomunikati debitament bil-quddiem sew.*

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) Għandu jiġi żgurat livell paragonabbli jew ogħla ta' għajnuna finanzjarja għal kull objettiv tar-Regolament preżenti, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-livell ta' finanzjament previst fil-qafas tal-programmi msemmija fl-Artikolu 13 għall-perjodu 2007 sa 2013. Permezz tal-allokazzjoni tal-fondi lil dawn l-oqsma fil-programmi ta' ħidma annwali, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-prijoritajiet tal-Unjoni kif ukoll il-ħtieġa li jinżammu livelli ta' finanzjament suffiċjenti u ġusti għall-oqsma kollha msemmija fl-Artikolu 4(1).*

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Sabiex timplimenta l-Programm, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali fis-sura ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti

2. Sabiex timplimenta l-Programm, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali *relatati mal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4(1) u l-*



implimentattivi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9(2).

**azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5** fis-sura ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti implimentattivi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9(2).

#### *Ġustifikazzjoni*

*The proposed regulation does not include information on how the funding will be allocated to the different priorities and actions across the year and it does not provide guarantees that the levels of funding for the specific objectives of the programme will be predictable each year. Promoting equality of all, implementing the principle of non-discrimination, promoting equality between women and men and combating violence against women, children and other vulnerable persons require sustainable and predictable funding every year. In addition, European Networks working on those topics require sustainable and predictable funding to be able to continue their work with their members in an effective manner. The legal text of the Programme must provide some indication that funding for activities in these fields will be available every year.*

#### **Emenda 47**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3a) Għandu jkun żgurat qsim suffiċjenti u xieraq tal-għajnuna finanzjarja għal kull objettiv tar-Regolament preżenti, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-livell ta' finanzjament previst fil-qafas tal-programmi għall-perjodu 2007-2013 imsemmija fl-Artikolu 13. Meta tiġi deċiża l-allokazzjoni tal-fondi lil dawn l-oqsma fil-programmi ta' ħidma annwali, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ħtieġa li jiżdied il-finanzjament għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4(1).**

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-Programm b'mod regolari sabiex issegwi l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet imwettqa taħtu fl-oqsma tal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) u l-ilħuq tal-obiettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4. Il-monitoraġġ għandu jipprovdi wkoll mezz ta' evalwazzjoni tal-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi **u tal-ġlieda** kontra d-diskriminazzjoni ġew indirizzati fl-azzjonijiet tal-programm. **Fejn ikun rilevanti**, l-indikaturi għandhom ikunu disaggregati skont is-sess, l-età u d-diżabbiltà.

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-Programm b'mod regolari sabiex issegwi l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet imwettqa taħtu fl-oqsma tal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) u l-ilħuq tal-obiettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4. Il-monitoraġġ għandu jipprovdi wkoll mezz ta' evalwazzjoni tal-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi, **il-ġlieda u l-protezzjoni kontra l-vjolenza u** kontra d-diskriminazzjoni ġew indirizzati fl-azzjonijiet tal-programm. L-indikaturi għandhom ikunu disaggregati skont is-sess, l-età u d-diżabbiltà.

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Ir-rapport ta' evalwazzjoni interim għandu jirrapporta dwar l-ilħuq tal-għanijiet tal-Programm, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tal-Programm bl-għan li jiġi stabbilit jekk il-finanzjament f'oqsma koperti mill-Programm għandhomx jiġu mġedda, modifikati jew sospiżi wara l-2020. Huwa għandu jindirizza wkoll l-ambitu għal kwalunkwe simplifikazzjoni tal-Programm, il-koerenza interna u esterna tiegħu, kif ukoll ir-rilevanza kontinwa tal-obiettivi u l-azzjonijiet kollha tiegħu. Dan għandu jieħu in kunsiderazzjoni r-riżultati ta' evalwazzjonijiet ex-post tal-programmi msemmija fl-Artikolu 13.

#### *Emenda*

3. Ir-rapport ta' evalwazzjoni interim għandu jirrapporta dwar l-ilħuq tal-għanijiet tal-Programm, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tal-Programm bl-għan li jiġi stabbilit jekk il-finanzjament f'oqsma koperti mill-Programm għandhomx jiġu mġedda, modifikati jew sospiżi wara l-2020. Huwa għandu jindirizza wkoll l-ambitu għal kwalunkwe simplifikazzjoni tal-Programm, il-koerenza interna u esterna tiegħu, kif ukoll ir-rilevanza kontinwa tal-obiettivi u l-azzjonijiet kollha tiegħu. Dan għandu jieħu in kunsiderazzjoni r-riżultati ta' evalwazzjonijiet ex-post tal-programmi msemmija fl-Artikolu 13. **Fl-evalwazzjoni interim tagħha, il-Kummissjoni għandha,**

*b'mod partikolari, tirrapporta dwar l-għotjiet għall-ispejjeż operattivi meta tiffinanzja atturi ewlenin, netwerks ewlenin fil-livell Ewropew, netwerks ta' esperti jew osservatorji fil-livell Ewropew.*

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Il-valutazzjoni tal-ilħiq tal-objettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(1) għandha tkun ibbażata fuq indikaturi tal-prestazzjoni miżurabbli u diżaggregati skont is-sessi. Il-valur miżjud Ewropew f'termini tal-ilħiq tal-prijorità ewlenija tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa għandu jkun punt ta' riferiment prinċipali.*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 - paragrafu 4ab (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4b) Ir-rapport ta' evalwazzjoni intermedjarju u r-rapport ta' evalwazzjoni ex-post għandhom jipprovaw jinkludu approċċ trasversali u globali tas-sessi u għandhom ikunu bbażati fuq il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni fuq indikaturi u dejta marbuta speċifikament ma' wieħed mis-sessi u maqsuma skont is-sessi*

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-istabbiliment tal-Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza 2014-2020	
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0758 – C7-0438/2011 – 2011/0344(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 15.12.2011	
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 15.12.2011	
<b>Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	24.5.2012	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Regina Bastos 22.11.2011	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	10.7.2012	3.9.2012
<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.9.2012	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 25 -: 1 0: 3	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, Marije Cornelissen, Edite Estrela, Iratxe García Pérez, Zita Gurmai, Mikael Gustafsson, Mary Honeyball, Lívía Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nicole Kiil-Nielsen, Silvana Koch-Mehrin, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Astrid Lulling, Barbara Matera, Krisztina Morvai, Norica Nicolai, Joanna Senyszyn, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Britta Thomsen, Marina Yannakoudakis, Anna Záborská, Inês Cristina Zuber	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Silvia Costa, Mariya Gabriel, Ana Miranda, Doris Pack, Antigoni Papadopoulou, Licia Ronzulli, Angelika Werthmann	